**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tal-25 laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju 2016 fis-6.30 p.m.***

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skuzat** | Mark Azzopardi |

**25/01** **Talba**

**25/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 24**

**25/02/01** Kien hemm żewġ korrezzjonijiet.

**25/02/02** Fil-paragrafu 24/05/03 għandha tiżdied fl-aħħar "Kien hemm qbil li din issir wara konferma mir-residenti tat-triq".

**25/02/03** Fil-paragrafu 24/07/01 għandha titneħħa "Għalissa ser jinbidlu biss 2 tabelli" u minflok tidħol "Kien hemm qbil".

**25/02/04** Kien hemm qbil li jiġu approvati l-minuti b'dawn il-korrezzjonijiet.

**25/03** **Punti mtella' mill-Minuti 24**

**25/03/01** **Para 24/03/01:** Ġie innutat li nħareġ 40% mill-pagament. Intbagħat ukoll iċ-ċertificat lil DLG biex il-Kunsill japplika għall-fondi PPP. Il-perit tal-Kunsill kien iccertifica it-testijiet tat-tarmak.

**25/03/02** **Para 24/03/02:** Il-Kunsill innota li nħarġu żewġ default notices lill-kuntrattur tal-knis. Kien hemm qbil li dan il-kuntrattur mhux jaghmel xoghol tajjeb u ma ahniex niehdu valur ghal flus mahruga. Gie deciz li dan il-kuntratt jitwaqqaf u sakemm tinhareg sejha gdida u jintghazel kuntrattur jingieb servizz tal-emergenza. Ser jingabru zewg stimi ghal dan is-servizz.

**25/03/03** **Para 24/03/03:** Ghadna qedin nistennew laqgha mal-MPT dwar il-karrozzi tal-linja. Peress li din l-issue ilha pendenti hafna l-Agent S.E, intalab isegwu.

**25/03/04** **Para 24/03/06:** Ġiet innutata li l-bozza twaħħlet imma għadha pendenti mill-Enemalta biex titqabbad mad-dawl.

**25/03/05** **Para 24/03/07:** Ġie innutat li x-xogħol ta' toqob għadu pendenti mid-distretti.

**25/03/06** **Para 24/03/08:** Ġie innutat li tlesta x-xogħol ta' junction box fi sqaq fi Triq Mons L Catania.

**25/03/07** **Para 24/03/09:** Għandha ssir laqgħa mal-iżviluppatur dwar il-hlas tal-permess.

**25/03/08** **Para 24/03/10:** Kien hemm diskussjoni fuq l-interviews li saru għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv. Ġie innutat ir-rapport tal-Bord, fejn is-Sinjorina Maria Tanti ġiet magħżula bħala l-aħjar kandidata minn dawk li wrew interess għall-post. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jirrikomanda lid-DLG biex is-Sinjorina Tanti tiġi maħtura Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Ħal Għargħur. Kien hemm qbil unanimu wkoll li meta tiġi maħtura, tinħareġ sejħa ghal EO mal-Kunsill.

**25/03/09** **Para 24/04/01:** Għandu jsir kuntatt ma' dan il-kuntrattur jew is-sid peress li saret hsara fi Triq Stiefnu Zerafa fejn l-entratura ghall-grawnd tal-futbol.

**25/03/10** **Para 24/04/03:** Kien hemm diskussjoni fuq l-interviews li saru għall-post ta' Skrivan Skala 15. Ġie inutat ir-rapport tal-Bord fejn is-Sinjorina Alexia Muscat ġiet magħżula bħala l-aħjar kandidata minn dawk li wrew l-interess għall-post. Kien hemm qbil unanimu li tiġi magħżula s-Sinjorina Muscat għal dan il-post.

**25/03/11** **Para 24/04/04:** Ġie innutat li saret il-pjanċa u l-problema ta' rwejjaħ ittaffiet.

**25/03/12** **Para 24/04/05:** Kien hemm qbil li s-Sindku għandu jitkellem mal-GreenMT minħabba dawn in-nuqqasijiet.

**25/03/13** **Para 24/04/06:** It-tabelli "No Obstruction" għal Triq San Ġwann u Triq Indipendenza għadhom pendenti.

**25/03/14** **Para 24/05/02:** Is-Sindku kien infurmat li l-bini ta' toroq bhal Triq Ghaxqet L-Ghajn bejn il-bollards issa mhux responsabbilta' ta' TM ghax meqjusa toroq rurali. Gie deciz li ngibu konferma bil-miktub dwar dan u nitolbu li ninghataw il-fondi halli inkunu nistghu naghmlu t-triq ahna.

**25/03/15** **Para 24/05/03:** Kien hemm qbil li din is-sleeping policeman issir b'kuntrattur privat minħabba li d-distretti għadhom m'għamluhiex. L-istima għandha tkun ta' 350 Ewro + VAT.

**25/03/16** **Para 24/05/04:** Kien hemm diskussjoni rigward sinjali tat-toroq fi Triq Mattea Preti. Għandha ssir site visit.

**25/03/17** **Para 24/05/05:** Kien hemm diskussjoni rigward sinjali tat-toroq fi Triq San Ġwann faccata ta' Triq San Nikola. Għandha ssir site visit.

**25/03/18** **Para 24/07/02:** Kien hemm qbil li jitqabbad bowser bi spiża ta' 120 Ewro għal aktar tisqija fil-ġonna.

**25/04** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**25/04/01** Kien hemm qbil li jiġi mfassal kalendarju tal-attivitajiet tal-Kunsill.

**25/04/02** Il-kunsill ġie nfurmat li l-abbozz tal-fuljett kważi tlesta u jonqos biss artiklu wieħed.

**25/04/03** Ġie innutat li fi Triq l-Indipendenza hemm ghalqa li qed ikollha ħafna skart. Il-Kunsill ser ikellem lis-sid sabiex inaddaf l-ghalqa.

**25/04/04** Kien hemm diskuzzjoni rigward l-attivitajiet tal-Kunsill. Ġie innutat is-suċċess tal-Majjalata ta' bejn l-għaqdiet, il-Water Games u Jum il-Għargħur. Kien hemm qbil li għas-sena d-dieħla għandhom jinħarġu inviti bil-kitba għal nies distinti kif ukoll il-Kunsill jikkunsidra x'attivitajiet ghandhom jittellaw bil-ghan li jigbdu aktar nies.

**25/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**25/05/01** CAS-20126-M0J8M9: Ġiet innutata talba għal bozza ġdida fi Triq Caravaggio. Diġà kien hemm talba qabel fejn l-Enemalta ma qablitx magħha.

**25/05/02** Ġie innutat ilment fuq ħamiem li qed iħammġu fi Triq il-Kbira. Kien hemm qbil li din tiġi riferuta lid-Dipartiment tas-Sanità.

**25/05/03** Ġie innutata talba sabiex fuq it-traffic hump fi Triq San Gwann linja bajda tinbidel ma linja safra peress li qed isir parking illegali fuq il-hump. Għandha ssir site visit.

**25/05/04** Is-Sur Giljan Aquilina lmenta fuq linja safra u lmenta rigward aċċess għal garage fi Triq l-Oratorju. Għandha ssir site visit.

**25/05/05** Is-Sur Mario Gauci talab biex isiru tliet kaxxi bojod fi Triq Mons L Catania. Dawn gew approvati.

**25/06** ***Korrispondenza***

**25/06/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**25/06/02** Ġiet innutata Ċirkolari Numru 6/2016 rigward l-obbligi u d-dmirijiet tas-Segretarji Eżekuttivi.

**25/06/03** Kien hemm diskussjoni rigward korrispondenza, minn tliet residenti, dwar proposta ta' traffic lights fit-Triq il-Gnien minħabba li t-triq hija dejqa. Il-Kunsill innota li dan l-ilment diġà ġie ssuġġerit lil TM.

**25/06/04** Ġie innutat kopja tal-Local Council Memorandum Agreement fuq il-ħaddiema tal-Komunità. Kien hemm qbil li jiġi ffirmat l-ftehim.

**25/06/05** Kien hemm diskussjoni rigward proposta mill-Malta Institute of Professional Photographers (MIPP) biex dawn jagħmlu uzu mis-Semaphore Tower għal-laqgħat tagħhom u wirjiet. Ġie deċiż li tintbagħat komunikazzjoni lil GPD u lil DLG rigward dan il-possibbiltà.

**25/06/06** Kien hemm diskussjoni rigward talba għal suġġeriment għal parkeġġ għal charging stations għall-vetturi tal-elettriku. Kien hemm qbil li tiġi ssuġġerita s-sit fi Vjal ir-Repubblika quddiem is-sub-station tal-Enemalta.

**25/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**25/07/01** Ma kienx hemm materji oħra li ġew diskussi.

**25/08** **Appovazzjoni tal-Pagamenti**

**25/08/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Rigward Pagament Numru 1 għandu jiġi vverifikat jekk dan ġiex imħallas fil-laqgħa preċedenti u ghalfejn in-numru tac-cekk hu differenti. Rigward Pagament Numru 18, dan il-pagament għandu jiġi riferut lil Leap. L-Agent S.E. ghandu jikteb lid-Dipt tal-Artijiet u jinsisti li l-propjeta' ta' Triq San Bartilmew ma ghadhix ghand il-Kunsill. Rigward Pagament Numru 30, għandhom jiġu vverifikati l-ammonti. Rigward Pagament Numru 34 għandu jiġi vverifikat l-ammont ta' 350 Ewro bħala professional fee pero ma kienx hemm qbil li jsir il-hlas. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti l-oħra. Ġiet approvata wkoll l-lista tal-petty cash.

**25/09** **Aġġornament**

**25/09/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-8.45p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 1 ta' Awwissu 2016 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |